Innijiet ad unur San Gejtanu

# (1) **Innu Popolari lil San Gejtanu Tiene** (**Xerrdu l-Ferħ)**

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fost il-ħafna innijiet kbar u żgħar li jindaqqu matul il-ġimgħa tal-festa titulari ta' San Gejtanu ġewwa l-Ħamrun insibu l-**Innu Popolari lil San Gejtanu Tiene**, mużika ta' Mro. Anton Muscat Azzopardi (1903-1979) u versi ta' Dun Frans Camilleri (1919-1990). Dan l-innu, komunement magħruf bħala 'Xerrdu l-ferħ' - liema titlu ttieħed proprju mill-mod ta' kif jibda l-ewwel vers, '*Xerrdu l-ferħ minn qlubkom hienja*' - inkiteb fl-1947. Din hi data storika għax fi kliem Joseph Mifsud Matrenza, "il-parroċċa ta' San Gejtanu ċċelebrat b'tant entużjażmu u kobor ir-raba' ċentinarju tal-mewt ta' San Gejtanu fejn il-poplu Ħamruniż seta' jgawdi ħafna ferħ reliġjuż u soċjali għal ġimgħa sħiħa."

Kliem muftieħ: Innu Popolari, San Gejtanu Tieni, Xerrdu l-Ferħ, Mro. Anton Muscat Azzopardi, Dun Frans Camilleri, Parroċċa San Gejtanu, Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun



L-innu jaf il-bidu tiegħu ftit wara l-Gwerra l-Kbira meta, skont kif jirrakkonta Mro. Michael Angelo Chircop fl-artiklu[1] tiegħu, is-Surmast Anton Muscat Azzopardi A. Mus. L.C.M. kien qed jidderieġi l-banda tiegħu fil-festa ta' San Gejtanu u f'xi ħin, waqt li din waqfet għal ftit mistrieħ, niżel minn fuq il-planċier. F'dak il-ħin mar ġuvnott fuq is-Surmast u, filwaqt li tah biċċa karta f'idu qallu dal-preċiżi kelmiet: "Ktibt poeżija żgħira lil San Gejtanu mingħajr il-mużika." Is-Surmast, ta' bniedem ġentlom li kien, tah kelma li kien ser jimmużikalu din il-poeżija. Dak il-ġuvnott ma kien ħadd ħlief Dun Frans stess.



Infatti, il-versi tal-**Innu Popolari lil San Gejtanu Tiene** jġibu d-data tas-**7 ta' Mejju 1947**. Oriġinarjament, l-innu kien fih seba' strofi, u wara kull waħda, ritornell. Fihom il-poeta jitkellem fuq il-ħajja qaddisa ta' San Gejtanu li dejjem fittex li jgħin b'kull mezz u mod possibli lill-proxxmu tiegħu. Illum-il ġurnata, minn dan l-innu fadal biss l-ewwel żewġ strofi. Barra minn hekk, fejn fir-ritornell ir-rima kienet waħda mbewsa, it-tieni u t-tielet vers issa qelbu posthom biex tiġi waħda mqabbża. Dan sar biex l-aħħar żewġt ivrus ikunu jistgħu jirrepetu ruħhom fil-kant.

FORMA: Innu popolari ismu miegħu, huwa tip ta' xogħol mużikali qasir, sempliċi u tal-widna. Jinħadem hekk biex tingħata aktar attenzjoni fuq il-ħsieb reliġjuż li fuqu ikun inkiteb. Infatti, bħala innu, **Xerrdu l-Ferħ** huwa magħmul biss minn introduzzjoni qsajra ta' żewġ battuti, segwita minn għoxrin battuta oħra replikati li bejniethom ikompru strofa ta' tmien battuti u ritornell ta' 12-il battuta rispettivament. Dan tal-aħħar huwa itwal mill-istrofa minħabba li, l-aħħar żewġt ivrus tiegħu huma mtennija - Fil-qdusija u fl-imħabba / O missier aħna nħobbuk.



**INNU POPOLARI LIL**

**SAN GEJTANU TIENE**

*(Mużika tas-Surmast Muscat Azzopardi A.Mus., L.C.M.)*

Xerrdu l-ferħ minn qlubkom hienja
Kbar u żgħażagħ u ċkejknin,
F'dan il-jum sabieħ ta' festa,
Ma' Gejtanu magħqudin!

O Gejtanu, ibqa' magħna
Fil-qdusija u fl-imħabba;
Biex tgħallimna lkoll nixbhuk
O Missier, aħna nħobbuk!

Int ħabbejt fuq kollox 'l Alla
U batejt bil-qalb għalih.
Qalb il-faqar u t-tbatija
Liema tama kellek Fih!

O Gejtanu, ibqa' magħna eċċ...

Lilu qdejt bi mħabbtek kollha
Bl-għerf u l-ħeġġa fost l-erwieħ.
Lilu xtaqt maħbub mill-kotra,
Ħdimt għalih bla taf mistrieħ.

O Gejtanu, ibqa' magħna eċċ...

Int saħħaħt il-Knisja Tiegħu,
Tal-għedewwa l-qerq irbaħt.
Ma' Ġesù fl-Ewkaristija
Bl-oħla mħabba l-qalb serraħt.

O Gejtanu, ibqa' magħna eċċ...

Int ħabbejt bi kliem tas-Sema
Tagħti d-dawl lill-midinbin,
Int ressaqthom lejn is-Sewwa
U ħabbewk, Missier ħanin.

O Gejtanu, ibqa' magħna eċċ...

Qalb il-foqra, qalb il-morda
Xħett il-hena tas-smewwiet
Imlejt qalbhom b'dawl il-faraġ,
B'sabar kbir u bit-tamiet.

O Gejtanu, ibqa' magħna eċċ...

Kemm hi ħelwa l-għaqda m'Alla
Fit-tbatija, fit-tiġrib!
Fi ħlewwiet l-imrar jinbidel,
F'hena u faraġ is-salib.

O Gejtanu, ibqa' magħna eċċ...

7/5/1947 DUN FRANS CAMILLERI

[1] 'Is-Surmast Anton Muscat Azzopardi – l-aħħar seba' snin ta' ħajtu'. Programm tal-festa San Gejtanu 2003 pġ. 165-66 – Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun A.D. 1889.

L-analiżi li ġejja tinkludi biss deskrizzjoni qasira u ġenerika ta' dan l-innu mingħajr ma tidħol f'wisq dettal bla bżonn:

INTRODUZZJONI (b. 1-$2^3$): L-innu jiftaħ b'fanfara ċkejna u bl-istrumenti kollha tal-banda jdoqqu fl-unisonu[2], kulħadd skont ir-reġistru tiegħu. Ħafna darbi, fanfara isservi biex tindaqq mit-trumbetti f'xi parata militari. Peress li t-tonalità ta' dan l-innu hija in Si*b* Maġġuri, il-fanfara tinbena fuq it-trijadi[3] tad-dominanti, i.e. FA – LA – DO. Il-motif[4] ritmiku fl-ewwel battuta jservi ta' mbuttatura li permezz tiegħu l-mużika titla' b'qabża għat-tieni waħda. Kif mistenni, il-fanfara tindaqq bil-qawwi ħafna (*fortissimo*).




STROFA ($2^4$ – $10^3$): F'din is-sentenza mużikali, li tibda *in aria*, insibu biss żewġ akkordji[5] ewlenin. Kif juri tajjeb l-eżempju ta' hawn taħt, l'ittra 'x' turi kif l-istess motif li kellna fil-bidu qed jintuża wkoll fit-tieni parti tas-sentenza. Din hi għodda ferm meħtieġa għal meta tiġi biex tfassal melodija tajba. Hemm imbagħad nota partikolari, is-SOL, li tidher tista' tgħid f'kull battuta. Is-SOL, minbarra n-nota l-oħra, il-FA, hija nota komuni fiż-żewġ akkordji fuq imsemmija. Dan għaliex, hi tifforma s-sesta u n-nona fl-akkordji tat-toniku[6] (I) u dominanti[7] (V) rispettivament. Lejn tmiem is-sentenza l-mużika tiġbed lejn il-FA Maġġuri minħabba li l-MI, minflok il-bemoll, issa għandha l-bekwadru[8] bħala sinjal. (Ara battuta 9)




RITORNELL ($10^4$ – $22^3$ [$23^3$]): Dan hu maqsum f'żewġ partijiet żgħar fejn il-waħda hi iqsar mill-oħra. Fl-eżempju t'hawn taħt ($10^4$ – $14^3$) qed inġib ukoll il-kontro-melodija biex nuri kif il-kompożitur jaqbad l-ewwel tliet noti minn tal-melodija u jeqlibhom ta' taħt fuq biex bihom jifforma kontrapunt[9] ħafif. Dan il-passaġġ jikkontrasta ferm minn dak ta' qablu għax iħaddem dik li nsejħulha polifonija[10]. (Din il-kelma hija l-oppost ta' omofonija fejn il-melodija hi akkumpanjata biss minn akkordji, bħal fil-każ tal-ewwel sentenza mużikali.) F'dik li hi struttura, il-mużika tibni ruħha fuq repetizzjoni tal-istess frażi qasira, fejn il-waħda kull darba titla' grad ogħla minn dik ta' qabilha. Din it-tip ta' binja tħaddem dik li aħna nsejħulha s-sistema '*ready, steady, go*'. Dawn l-erba' battuti jkopru biss l-ewwel żewġt ivrus minn tar-ritornell.




---

[2] Daqq tal-istess noti minn strumenti differenti.
[3] Tip ta' akkordju magħmul minn tliet noti fuq xulxin.
[4] Ċellola ta' mhux anqas minn żewġ noti differenti li flimkien jagħmlu sens mużikali.
[5] Grupp ta' tliet, jew aktar, noti li joħolqu akkordju bejniethom.
[6] L-ewwel grad fi skala mużikali ta' tmien noti wara xulxin.
[7] Il-ħames grad fi skala dijatonika. Skala, kelma bil-Latin li tfisser 'sellum', ġieli tissejjaħ ukoll gamma.
[8] Dan is-sinjal jintuża biex iqiegħed in-nota fit-ton sewwa tagħha. Xogħlu hu li, itella' jew iniżżel in-nota b'nofs ton skont jekk din qabel kellhiex xi djesis jew bemoll.
[9] Tip ta' mużika fejn żewġ melodiji differenti jiltaqgħu flimkien.
[10] Tip ta' ħjata mużikali fejn għandek nisġa ta' aktar minn melodija waħda għaddejja fl-istess waqt.

Fit-tieni parti tar-ritornell ($14^4$ – $22^3$ [$23^3$]) insibu bejn wieħed u ieħor l-istess materjal tal-iSTROFA. L-uniku differenza bejniethom hi li, filwaqt li din timmodula, ir-ritornell jagħmel ħiltu biex 'il din jevitaha, u minflok jagħlaq fl-istess tonalità li l-innu jkun beda biha. F'din il-parti wkoll, naraw it-tieni żewġ vrus jirrepetu ruħhom bil-għan li jsir aktar aċċenn fuq l-idea li, San Gejtanu huwa il-missier maħbub tal-Ħamruniżi kollha.

Il-festa t-tajba lill-Ħamruniżi kollha.

Referenzi:

Mifsud Matrenza Joseph: Għaqda Mużikali San Ġużepp Ħamrun – Storja u ritratti fuq tagħrif miġbur 1989.
Vella Bondin Joseph: Il-mużika ta' Malta fis-sekli dsatax u għoxrin – Pubblikazzjoni Indipendenza (PIN) Malta 2000.